C/2026/2957

1.6.2026

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Pubblikazzjoni tal-għadd totali tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2025 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet

(C/2026/2957)

1. Introduzzjoni

Fl-2015, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 ([1]) ("id-Deċiżjoni dwar l-MSR") biex joħolqu Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (l-MSR, Market Stability Reserve, jew ir-riżerva) bħala parti mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (l-EU ETS) stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE ([2]) ("id-Direttiva dwar l-ETS"). L-MSR ilha topera mill-2019. L-għan tagħha huwa li jiġi evitat li jkun hemm surplus strutturali ta' kwoti fis-suq tal-karbonju tal-UE, bir-riskju li dan jipprevjeni lill-EU ETS milli tagħti s-sinjal ta' investiment meħtieġ biex l-UE tilħaq il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-MSR hija intiża wkoll biex tagħmel lill-EU ETS iktar reżiljenti għall-iżbilanċi bejn il-provvista u d-domanda, u b'hekk is-suq tal-karbonju tal-UE jkun jista' jiffunzjona mingħajr xkiel.

Skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, kull sena l-Kummissjoni tippubblika l-għadd totali tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC) għas-sena ta' qabel. Din iċ-ċifra tiddetermina l-operat tal-MSR, jiġifieri, jekk il-kwoti jiġux irtirati mill-volum tal-irkant u jitqiegħdu fir-riżerva jew jiġux rilaxxati mir-riżerva u jiġux irkantati. Għalhekk, il-pubblikazzjoni annwali tat-TNAC hija karatteristika importanti tal-MSR u tal-EU ETS.

Fit-28 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat it-TNAC għall-2024, li kien jammonta għal 1 148 049 585 ([3]). Dan kien ifisser li 275 531 900 kwota kellhom jitqiegħdu fir-riżerva mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2026. B'kollox, l-għadd tal-kwoti fir-riżerva li ġew invalidati fl-1 ta' Jannar 2025 ammonta għal total ta' 270 506 086.

Din il-Komunikazzjoni hija l-għaxar pubblikazzjoni tat-TNAC u tikkonċerna l-2025. Tagħti dettalji dwar il-kalkolu sottostanti u l-għadd tal-kwoti li se jitqiegħdu fir-riżerva mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Awwissu 2027.

2. Funzjonament tal-MSR

L-MSR tiffunzjona awtomatikament meta t-TNAC ikun lil hinn mill-firxa stabbilita. Il-kwoti jiġu rtirati mill-volum tal-irkant u jitqiegħdu fir-riżerva jekk it-TNAC jaqbeż il-livell limitu ta' 833 miljun. Ir-rata ta' inkorporazzjoni tar-riżerva tiġi stabbilita għal 24 % tat-TNAC meta dan in-numru jkun ogħla minn 1 096 miljun. Meta t-TNAC ikun bejn 833 miljun u 1 096 miljun, l-inkorporazzjoni tkun id-differenza bejn it-TNAC u t-833 miljun. Jekk it-TNAC ikun inqas mil-livell limitu ta' 400 miljun, 100 miljun kwota mir-riżerva jiġu rilaxxati u jiġu rkantati. Il-kwoti jitqiegħdu fir-riżerva jew jiġu rilaxxati minnha tul 12-il xahar. Minn Mejju tal-2023 'il quddiem, kwalunkwe kwota miżmuma fir-riżerva li tkun ogħla mil-livell limitu ta' 400 miljun ma tibqax valida iktar. Fl-1 ta' April 2026, il-Kummissjoni għamlet proposta leġiżlattiva biex temenda d-Deċiżjoni dwar l-MSR biex twaqqaf l-invalidazzjoni ([4]). Fir-rigward tal-perjodu qabel ma din l-emenda tidħol fis-seħħ, huwa xieraq li l-għadd tal-kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva għandu jkompli jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR. Għal kull xahar li jgħaddi, wieħed minn tnax tal-għadd tal-kwoti se jitqiegħed fir-riżerva. Dan jirrifletti dak li sar mill-ewwel sena tal-operat tar-riżerva.

([1]) Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' skambju tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 264, 9.10.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1814/oj).

([2]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – *Pubblikazzjoni tal-għadd totali tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2024 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet* (ĠU C, C/2025/3180, 4.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3180/oj).

([4]) Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-waqfien tal-invalidazzjoni tal-kwoti fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, COM(2026) 153 final.

Skont l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR u f'konformità ma' din il-Komunikazzjoni, 24 % tat-TNAC fil-31 ta' Diċembru 2025, jew id-differenza bejn it-TNAC u t-833 miljun, se jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru 2026. Għadd korrispondenti ta' kwoti se jitnaqqas mill-volumi ta' rkanti tal-Istati Membri tal-UE, tat-tliet pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) u, fir-rigward tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit. Dawn il-kwoti se jitnaqqsu skont l-ishma rispettivi tal-irkant tal-pajjiżi.

Skont l-Artikolu 1(5) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, sal-31 ta' Diċembru 2030, kwalunkwe kwota distribwita għall-finijiet ta' solidarjetà u ta' tkabbir fl-EU ETS ([5]) mhux se tiġi inkluża fil-kalkolu tal-ishma rilevanti għall-finijiet tal-MSR.

3. **TNAC**

Skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, it-TNAC f'sena partikolari *għandu jkun l-għadd kumulattiv ta' kwoti maħruġa fir-rigward tal-installazzjonijiet u l-kumpaniji tat-tbaħħir u mhux imqiegħda fir-riżerva fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008, inkluż l-għadd ta' kwoti maħruġa skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, fil-verżjoni fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2018, f'dak il-perjodu u d-drittijiet biex jintużaw il-krediti internazzjonali eżerċitati mill-installazzjonijiet fl-ambitu tal-EU ETS, sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena partikolari, neqsin it-tunnellati kumulattivi tal-emissjonijiet ivverifikati mill-installazzjonijiet u mill-kumpaniji tat-tbaħħir fl-ambitu tal-EU ETS bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari, u kwalunkwe kwota kkanċellata f'konformità mal-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.*

Fil-qosor, it-TNAC rilevanti għall-operat tal-MSR jiġi kkalkolat permezz tal-formula aġġornata:

TNAC = Provvista – Domanda

Iż-żewġ elementi tal-kalkolu huma deskritti fid-dettall f'din il-Komunikazzjoni. It-tabella fl-aħħar tad-dokument tagħti ħarsa ġenerali lejn iċ-ċifri kollha.

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1(4a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR jiddikjara li *mill-2024, il-kalkolu tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari għandu jinkludi l-għadd kumulattiv ta' kwoti maħruġa fir-rigward tal-avjazzjoni u t-tunnellati kumulattivi ta' emissjonijiet verifikati mill-avjazzjoni fl-ambitu tal-EU ETS, li jeskludu l-emissjonijiet minn titjiriet fuq rotot koperti minn kumpens ikkalkulat skont l-Artikolu 12(6) tad-Direttiva 2003/87/KE, bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena partikolari.*

L-EU ETS tkopri l-emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu mill-1 ta' Jannar 2024. Għalhekk, in-numru ta' kwoti maħruġa għall-kumpaniji tat-tbaħħir u l-emissjonijiet ivverifikati mill-kumpaniji tat-tbaħħir mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2025 huma inklużi fil-kalkolu tat-TNAC għall-2025. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1(4a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR jiddikjara li *l-kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 3gb tad-Direttiva 2003/87/KE għandhom jitqiesu bħala maħruġa għall-finijiet tal-kalkolu tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni.*

Provvista

Il-provvista tal-kwoti fis-suq tal-karbonju tal-UE tikkonsisti mill-elementi li ġejjin.

— Il-kwoti mfaddlin ([6]) mill-fażi 2 tal-EU ETS (2008–2012), li kienu jammontaw għal 1 749 540 826 ([7]).

— Il-kwoti allokati mingħajr ħlas mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2025 ([8]), inklużi l-kwoti allokati mir-Riżerva għall-Entranti Ġodda (NER). Dawn jammontaw għal 9 229 697 547 kwoti.

([5]) Skont l-Artikolu 10(2)(b) tad-Direttiva 2003/87/KE.

([6]) Il-kwoti maħruġa matul il-fażi 2 tal-EU ETS (2008–2012), li ma ġewx ċeduti biex ikopru l-emissjonijiet verifikati jew kanċellati ġew imfaddla biex jintużaw fil-bidu tal-fażi 3 tal-EU ETS (2013–2020). Dawn il-kwoti tħassru u fl-istess ħin inholoq għadd ugwali ta' kwoti fil-fażi 3. B'hekk, dan l-għadd jirrappreżenta l-għadd eżatt tal-kwoti tal-ETS fiċ-ċirkolazzjoni fil-bidu tal-fażi 3 tal-EU ETS.

([7]) COM (2015) 576 – Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport ta' progress dwar l-azzjoni klimatika, li jinkludi r-rapport dwar il-funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju u r-rapport dwar ir-rieżami tad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju.

([8]) Skont l-Artikolu 1(4a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, għall-avjazzjoni, jitqiesu l-kwoti allokati mingħajr ħlas mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2025.

— Il-kwoti rkantati mill-1 ta' Jannar 2013 ([9]) sal-31 ta' Diċembru 2025 ([10]), u l-kwoti użati għall-finijiet ta' flessibbiltà fl-2021–2025 skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/842 ([11]) ("ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi"). Skont ir-rapporti tal-irkanti fuq il-pjattaforma tal-irkant komuni u l-pjattaformi rilevanti tal-pajjiżi nonparteċipanti ([12]), il-volum tal-kwoti rkantati, inklużi dawk irkantati fl-irkanti bikrin, kien ta' 8 779 406 500 ([13]). Ma' dan il-volum, iridu jiżdiedu 36 984 541 kwota fil-qafas tal-flessibbiltà stabbilita fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi ([14]).

— Kwoti monetizzati għall-programm NER300. B'kollox ġew monetizzati 300 000 000 kwota mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

— Krediti internazzjonali eżerċitati għall-emissjonijiet mill-2013 sal-31 ta' Diċembru 2020 ([15]). L-installazzjonijiet użaw 497 248 017-il kreditu internazzjonali għall-emissjonijiet li ġġeneraw ([16]).

— Skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR, il-kwoti li jitqiegħdu fl-MSR ma jibqgħux parti mill-kalkolu tat-TNAC.

Domanda

Id-domanda għall-kwoti fis-suq tal-karbonju tal-UE tinkludi l-emissjonijiet verifikati totali mill-entitajiet ta' konformità mill-1 ta' Jannar 2013 ([17]) sal-31 ta' Diċembru 2025 ([18]), li jammontaw għal 19 568 644 185 tunnellata ([19]), u għal 739 044 kwota kkanċellati tul dan il-perjodu skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva dwar l-ETS.

TNAC

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, it-TNAC fl-2025 jammonta għal 1 023 494 202.

Kwoti li hemm fl-MSR

Bħala segwitu tal-invalidazzjoni tal-kwoti fl-1 ta' Jannar 2025, 400 000 000 kwota baqgħu fir-riżerva.

([9]) Din iċ-ċifra tinkludi l-irkanti bikrin, jiġifieri l-kwoti validi għall-fażi 3 tal-EU ETS (2013–2020), li kienu ġew irkantati qabel l-1 ta' Jannar 2013.

([10]) Skont l-Artikolu 1(4a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR u minħabba li l-EU ETS tkopri l-attivitajiet tat-trasport marittimu mill-1 ta' Jannar 2024, għall-avjazzjoni u għat-trasport marittimu, jitqiesu l-kwoti rkantati mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2025.

([11]) Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj).

([12]) Ir-rapporti dwar l-irkanti: European Energy Exchange (EEX) u Intercontinental Exchange (ICE).

([13]) Din iċ-ċifra tqis il-kwoti tal-514 000 kwota li ma ġewx irkantati minħabba kanċellazzjoni volontarja tal-kwoti mill-Ġermanja. Ara: https://climate.ec.europa.eu/news-other-reads/news/notification-germany-voluntary-cancellation-allowances-eu-ets-plants-closed-2023-2025-05-05_en.

([14]) Ir-Regolament (UE) 2018/842 joħloq dispożizzjoni ta' flessibbiltà ta' darba li permezz tagħha l-Istati Membri jkun jista' jkollhom sa 100 miljun kwota tal-EU ETS ikkanċellati f'daqqa fl-2021-2030, sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-miri tagħhom ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont dan ir-Regolament. Id-dispożizzjoni ta' flessibbiltà tikkonċerna lill-pajjiżi tal-UE b'miri li huma ferm ogħla kemm mill-medja tal-UE kif ukoll mill-potenzjal tagħhom ta' tnaqqis kosteffettiv, u tikkonċerna wkoll lill-pajjiżi tal-UE li ma allokaw l-ebda kwota mingħajr ħlas tal-EU ETS għall-installazzjonijiet industrijali fl-2013. Kanċellazzjoni ssir mill-volum tal-irkantar tal-pajjiż tal-UE kkonċernat skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar l-ETS. Il-kwoti kkanċellati jitqiesu bħala kwoti tal-EU ETS fiċ-ċirkolazzjoni meta jiġi ddeterminat it-TNAC għall-finijiet tal-MSR f'sena partikolari.

([15]) Il-krediti internazzjonali ma jistgħux jintużaw għall-konformità mill-2021.

([16]) Abbażi ta' silta mir-Reġistru tal-Unjoni mill-1 ta' April 2026. Dawn il-krediti internazzjonali jikkonċernaw biss lil dawk li ġew skambjati għal kwoti tal-UE fil-fażi 3 tal-EU ETS (2013-2020). Bejn wieħed u ieħor 1,1 biljun kreditu internazzjonali li setgħu jintużaw direttament għall-finijiet ta' konformità fil-fażi 2 tal-EU ETS (2008–2012) huma riflessi fin-numru tal-kwoti mfaddla mill-fażi 2.

([17]) B'rabta mal-emissjonijiet verifikati fil-perjodu 2008–2012 (fażi 2), ara n-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

([18]) Skont l-Artikolu 1(4a) tad-Deċiżjoni dwar l-MSR u minħabba li l-EU ETS tkopri l-attivitajiet tat-trasport marittimu mill-1 ta' Jannar 2024, għall-avjazzjoni u t-tbaħħir, l-emissjonijiet ivverifikati mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2025 huma inklużi.

([19]) L-emissjonijiet totali vverifikati huma bbażati fuq id-data estratta fl-1 ta' April 2026 mir-Reġistru tal-Unjoni u mir-Reġistru Żvizzeru tal-ETS għall-emissjonijiet tal-EU ETS tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru taħt l-amministrazzjoni tal-Iżvizzera. Iċ-ċifra tinkludi l-emissjonijiet ivverifikati rrapportati sal-31 ta' Marzu 2026, l-iskadenza tar-rapportar tal-EU ETS. L-emissjonijiet irrapportati wara din id-data ma jiġux riflessi fit-total.

F'konformità mal-Komunikazzjonijiet dwar it-TNAC f'dawn l-aħħar snin, fir-riżerva tqiegħdu l-volumi tal-kwoti li ġejjin:

— 177 877 841 kwota mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Awwissu 2025 ([20]);

— 91 843 970 kwota mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 ([21]).

Fl-1 ta' Jannar 2026, kien hemm 400 000 000 kwota fl-MSR.

4. **Konklużjoni**

F'konformità mad-Deċiżjoni dwar l-MSR, total ta' 190 494 202 kwoti se jitqiegħdu fir-riżerva matul il-perjodu ta' 12-il xahar mill-1 ta' Settembru 2026 sal-31 ta' Awwissu 2027.

Il-pubblikazzjoni tas-sena d-dieħla tat-TNAC se tiddetermina l-operat tal-MSR minn Settembru 2027 sa Awwissu 2028.

Ħarsa ġenerali

Provvista	
(a) Kwoti mfaddlin mill-fażi 2 (2008-2012)	1 749 540 826
(b) Kwoti allokati mingħajr ħlas mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2025, inkluż mill-NER	9 229 697 547
(c) Kwoti rkantati mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2025, inklużi dawk irkantati f'irkanti bikrija	8 779 406 500
(d) Kwoti użati għall-finijiet ta' flessibbiltà fl-2021–2025 skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/842	36 984 541
(e) Kwoti monetizzati għall-programm NER300	300 000 000
(f) Krediti internazzjonali użati għall-emissjonijiet mill-2013 sal-31 ta' Diċembru 2020	497 248 017
Total (provvista)	20 592 877 431
Domanda	
(a) Emissjonijiet verifikati (f'tunnellati) skont l-EU ETS mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2025	19 568 644 185
(b) Kwoti kkanċellati skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2003/87/KE sal-31 ta' Diċembru 2025	739 044
Total (domanda)	19 569 383 229
TNAC	1 023 494 202

([20]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Pubblikazzjoni tal-għadd totali tal-kwoti fiċ-ċirkolazzjoni fl-2023 għall-finijiet tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet* (ĠU C, C/2024/3415, 3.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3415/oj). Kif konkluż fil-punt 4 ta' din il-Komunikazzjoni, mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2025 se jitqiegħdu 266 816 768 kwota fl-MSR. Il-volum li jikkorrispondi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu 2025 kien ta' 177 877 841.

([21]) C/2025/3180, kif imsemmi fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna. Kif konkluż fil-punt 4 ta' din il-Komunikazzjoni, mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2026 se jitqiegħdu 275 531 900 kwota fl-MSR. Il-volum li jikkorrispondi għall-perjodu mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2024 kien ta' 91 843 970.